# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Jannar 2017**

**Numru 16**

**Rikors numru 954/06 AF**

**Raymond Vella**

**v.**

**Maria Pulis li b'digriet fil-verbal tas-6 ta' Gunju 2012, il-Qorti laqghet it-talba biex wara l-mewt ta' Maria Pulis, l-atti tal-kawza jigu trasfuzi f'isem Louis Pulis, Raymond Pulis, Antonia Sladden, Anna Bianco, Maria Dolores Galea, George Pulis u Joseph Pulis; u John Mifsud u Patrick Farrugia ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

Preliminari

Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti mis-sentenzi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'din il-kawza fit-23 ta' Jannar 2008 u 28 ta' April 2016, li permezz tieghu qed jitolbu lil din il-Qorti thassar u tirrevoka

s-sentenza appellata u dan billi tichad it-talbiet kollha attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-28 ta' April 2016 qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

> "Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrent Raymond Vella, li permezz tiegħu wara li gie premess illi:
>
> "Huwa, fost ghelieqi ohra jahdem l-ghalqa denominata "Tal-Maggi" tal-kejl ta' cirka tlett itmiem, sieh u tlett kejliet (3T.1S.3K) fil-limiti tax-Xghajra, Haz-Zabbar liema ghalqa hija proprjetà tal-intimati Maria Pulis u John Mifsud, ahwa Mifsud u ta' huhom iehor Joseph Mifsud assenti minn dawn il-Gzejjer. Dina l-ghalqa tidher ikkulurita bl-isfar fl-annessa pjanta Dokument "A".
>
> "Dan l-ahhar u precizament fis-26 ta' Awwissu 2006 ghal hin ta' cirka l-hamsa ta' filghaxija (5pm) l-intimati Maria Pulis u John Mifsud bl-operat tal-intimat l-iehor Patrick Farrugia b'mod abbuziv, illegali, vjolenti u/jew klandestin dahlu fl-ghalqa fuq imsemmija posseduta mir-rikorrent u permezz ta' tractor hartu l-ghalqa in kwistjoni.
>
> "B'hekk gie kommess spoll ghad-dannu tar-rikorrent.
>
> "Permezz tal-ittra tat-28 ta' Awwissu 2006, li kopja taghha tinsab hawn annessa bhala dokument "B", ir-rikorrent interpella lill-intimati sabiex "minnufih jergghu jirrijentegraw ir-raba in kwistjoni fil-posizzjoni originali tieghu". Però huma baqghu inadempjenti u ghalhekk qeda ssir il-prezenti procedura.
>
> "Intalbet din il-Qorti sabiex:
>
> 1. "Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati, jew min minnhom, spussessaw u spoljaw lir-rikorrenti mill-pussess tal-ghalqa fuq imsemmija Tal-Maggi fil-limiti tax-Xghajra Haz-Zabbar kif fuq imsemmi.
>
> 2. "Tikkundanna ghalhekk lill-istess intimati jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lilhom minn dina l-Qorti sabiex jirrijintegraw lir-rikorrent fil-pussess tal-ghlaqa in kwstjoni.

3. “Fin-nuqqas ta’ adempiment minn naha taghhom, jew min minnhom tawtorizza lir-rikorrent sabiex jiehdu dawk il-mizuri kollha u li jkunu mehtiega sabiex tirrijintegrah fl-istess ghalqa fl-istat originali tieghu u dan billi jiehu lura l-pussess effettiv tieghu tal-istess ghalqa u dan a spejjez tal-intimati u taht id-direzzjoni ta’ periti nominandi jekk ikun il-kaz.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta’ Awwissu 2006, kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma ingunti ghas-subizzjoni u salv kull dritt tar-rikorrent ghad-danni kontra taghhom.

“Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Maria Pulis, John Mifsud u Patrick Farrugia li permezz tagħha eċċepew illi:

“Preliminarjament u minghajr pregudizzju t-talba tar-rikorrenti/attur ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li r-rikorrenti/attur m’ghandux vesti guridiku li jintavola din il-kawza peress li la fis-26 ta’ Awwissu 2006 u anqas qatt qabel ma kellu l-pussess tal-ghalqa in kwistjoni u izjed minn hemm precedentement u mill-20 ta’ Settembru 2004 sas-17 ta’ Lulju 2006 huwa kellu biss dritt jahdem l-ghalqa in kwistjoni b’mera tolleranza ta’ Carmen Vella (kif jidher mid-Dok. “A”) u liema tolleranza kienet giet mnehhija u rexissa mill-istess Carmen Vella permezz ta’ ittra datata 17 ta’ Lulju 2006 (Dok. “B”).

“Subordinatament u minghajr pregudizzju l-konvenuti Maria Pulis u John Mifsud ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju u kif ukoll t-talbiet tar-rikorrenti/attur fil-konfront taghhom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-konvenuti Maria Pulis u John Mifsud ma kkommttew ebda spoll.

“Subordinatament u minghajr pregudizzju l-konvenut Patrick Farrugia ghandu jigu lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa harat l-ghalqa fuq inkarigu ta’ terzi.

“Subordinatament u minghajr pregudizzju t-talbiet tar-rikorrent/attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-konvenuti ma kkommettew ebda spoll peress illi fis-26 ta’ Awwissu 2006 ir-rikorrenti/attur ma kellux il-pussess tal-ghalqa in kwistjoni kif ser jigi ppruvat fil-kawza.

“Subordinatament u minghajr pregudizzju it-tielet talba tar-rikorrenti/attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti/attur stante li l-ligi stess tipprovdi ghal din it-talba fl-Artikolu 222 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Bl-ispejjez kontra l-attur inkluzi tal-ittra legali datata l-1 ta’ Settembru 2006, u b’riserva ghall-konvenuti ghall-azzjoni ghad-danni fil-konfront tal-attur.

"Rat is-sentenza preliminari tagħha mogħtija fit-23 ta' Jannar 2008, fejn il-Qorti għar-ragunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati Maria Pulis, John Mifsud u Patrick Farrugia.

"Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

"Semgħet ix-xhieda viva voce.

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

"Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

"**Ikkunsidrat:**

"Din hija kawża ta' spoll għaldaqstant l-indagini ta' din il-Qorti ser tqis biss l-elementi ta' spoll mingħajr ma tidħol fi kwistjonijiet oħra senjatament dawk konnessi ma' drittijiet fuq l-art in kwistjoni ħlief u limitatament għal dak li hu strettament relevanti għal finijiet ta' din il-vertenza.

"L-attur Raymond Vella ressaq din il-kawża għaliex huwa jsostni li l-konvenuti kkommettew spoll fil-konfront tiegħu meta fis-26 ta' Awissu 2006 għall-ħabta tal-5.00pm huwa mar fl-għalqa li hija magħrufa bħala "Ta Maggi" fil-limiti tax-Xghajra, Ħaż-Żabbar u mqabbla lilu mill-konvenuti Maria Pulis u John Mifsud u sab lill-konvenut l-ieħor Patrick Farrugia jaħrat l-għalqa in kwistjoni. Huwa jgħid illi Patrick Farrugia gie mibgħut mill-konvenuti l-oħra sidien ta' din l-għalqa.

"Da parti tagħhom, il-konvenuti eċċepew li fl-ewwel lok din il-kawża ma setgħetx titressaq peress illi l-attur kien jokkupa l-għalqa b'mera tolleranza, dwar liema eċċezzjoni ingħatat sentenza fit-23 ta' Jannar 2008, kif ukoll illi Maria Pulis u John Mifsud ma kkommettew ebda spoll, illi Patrick Farrugia għandu jkun illiberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa ħarat l-għalqa in kwistjoni fuq inkarigu ta' terzi u li fi kwalunkwe każ l-attur ma kellux pussess tal-għalqa in kwistjoni fil-jum illi allegatament gie kommess l-ispoll.

"Fil-mori tal-kawża giet nieqsa l-konvenuta Maria Pulis u għaldaqstant u wara talba magħmulha f'dan is-sens, assumew l-atti tal-kawża l-eredi tagħha Maria Dolores Galea, Louis Pulis, George Pulis, Raymond Pulis, Anna Bianca, Antonia Sladden u Joseph Pulis.

"L-elementi fil-kawza ta' spoll jirriżultaw mill-Artikolu 535(1) tal-Kodiċi Ċivili li jaqra hekk:

> "*Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, imneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaga mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terga' tigi mqegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*"

"L-azzjoni ta' spoll vjolenti għandha bħala elementi kostituttivi tagħha tliet fatturi: il-pussess (*possedisse*), l-att spoljattiv (*spoliatum fuisse*) u dan l-att sar fi żmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni (*infra bimestre deduxisse*). L-actio spolii hija radikata fuq l-esigenza ta' utilità soċjali, intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussessur u jigi mpedut liċ-ċittadin privat milli jieħu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini tagħha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat (**Margherita Fenech vs Pawla Zammit**, deċiża fit-12 ta' April 1958).

"Huwa magħruf ukoll li f'kawżi ta' spoll, l-indagini tal-Qorti hija limitata. Fil-kawża fl-ismijiet **Delia vs Schembri**, deċiza minn din il-Qorti fl-4 ta' Frar 1958, gie ritenut illi:

> "*L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament meħud mingħand il-possessur jew detentur, u gie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali, u hija nerenti għall-fatt ta' min b'awtorità privata jagħmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghali ma jistax jez ercitah minghajr intervent tal-Qorti.*"

"Gie ritenut ukoll illi:

> "*Kif kellha a okkazzjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni oħra u kompliet tgħid illi għalhekk indagnijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux guristi u awturi Franċiżi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u napplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku tagħna*" (**Cardona vs Tabone**, Appell Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

"Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat għall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess '*materiale*' u '*di fatto*' (Ara **Vol. XXXVII.I.280**). Pussess kwalunkwe, anki purament materjali u di fatto, anki qasir ħafna u saħansitra momentanju huwa suffiċjenti, basta jkun univoku u ma jkunx ibbażat fuq mera tolleranza (Ara **Vol. XXXII.II.642** u **Vol. LXXXIII.II.79**).

"L-istat tad-dritt jingabar bl-aktar mod ċar u preċiż fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 2000 fil-kawża fl-ismijiet **Buttigieg vs Buttigieg (Vol.LXXXIV.II.789)** –

> "*… l-elementi essenzjali biex l-azzjoni ta spoll privileggjat tkun tista' tregi huma l-pussess da parti ta' l-ispoljat, il-prova li jkun seħħ l-att*

> *spoljattiv ta' dak il-pussess b'mod vjolenti jew klandestin da parti tal-ispoljant, u l-azzjoni tkun giet intavolata mill-ispoljat fi żmien xagħrejn minn mindu jkun gie kommess l-att spoljattiv.*
>
> …
>
> "*Kwantu għall-pussess, il-ligi tikkontempla l-pussess materjali, kien liema kien, u mhux il-pussess animo domini, u l-konvenut f'kawża ta' reintegrazzjoni mhux leċitu li jinvestiga x-xorta ta' pussess ta' l-attur. Saħansitra l-azzjoni ta' spoll privileggjat tista' tigi eżerċitata anke kontra l-istess proprjetarju, meta dan ikun l-awtur tal-ispoll, u mhix permessa ebda eċċezzjoni dilatorja qabel jigi reintegrat l-ispoll għaliex din hija azzjoni ta' ordni pubbliku, u hija intiża biex tipprojbixxi li wieħed jagħmel gustizzja b'idejh u mingħajr l-intervent tat-tribunal. Konsegwentement għal din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimità tal-pussess turbat u takkorda r-reintegrazzjoni anke favur il-possessur in mala fede. It-tribunal għandu jeżamina biss il-fatt tal-pussess u l-fatt tal-ispoll.*
>
> …
>
> "*Però huwa meħtieg li l-attur jipprova li għandu un possesso di fatto.*
>
> …
>
> "*il-Qorti għandha tillimita l-eżami tagħha għall-fatt tal-pussess jew detenzjoni, skond il-każ, bla ma tidħol fil-petitorju.*
>
> …
>
> "*kull kwistjoni fuq il-materja ta' dritt tigi investigata fil-petitorju.*"

"Il-Qorti, b'applikazzjoni ta dawn il-principji bdiet biex qieset l-element tal-pussess u kkunsidrat fil-kuntest li l-provi migjuba mill-partijiet kienet fil-parti l-kbira magħmula minn xhieda konfliggenti. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilaq**, deċiza fit-30 t' Ottubru 2003:

> "*Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju ragjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo*"'.

"Huwa ritenut ukoll illi l-konflitt tal-provi huma ħaga li l-Qrati jridu min dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewg verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibiltà u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verżjoni teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawżi ċivili huma generalment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-gudikant - (**Farrugia vs Farrugia**, deċiza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru 1966).

"In-norma stabbilità fl-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Proċedura rigwardanti l-oneru tal-prova hi regola ta' gudizzju in kwantu permezz tagħha l-gudikant jeħtieglu japproda għal deċiżjoni fil-mertu. Dan aktar u aktar, imbgħad, fejn tkun teżisti l-inċertezza dwar il-verità tal-fatti allegati. Naturalment fl-ambitu tal-fattispeċi kull tribunal għandu dik iċ-ċerta diskrezzjoni li jisselezzjona dawk il-fatti li, purché jkunu ppruvati, jitqiesu minnu determinanti għall-aħjar konvinzjoni tiegħu. F'każ bħal dan huwa applikabbli l-kriterju generali taċ-ċertezza morali tal-gudikant dwar il-verità tal-fatti. Kif deċiż, '*hija regola...illi l-fatt għandu jkun suffiċjentement pruvat meta l-gudikant ikun akkwista, bil-provi forniti fil-gudizzju, iċ-ċertezza morali tal-verita` tal-fatti*' (**Kollez. Vol XXXVII.i.525**), (**Boarding School (Malta) Limited vs Dimitri Alexandrov,** 6 ta' April 2005).

"F'materja ta' konflittwalità fil-provi jinkombi bi dmir fuq il-Qorti illi tgħarbel bir-reqqa l-verżjonijiet, anke fejn dawn ikunu dijametrikament opposti, biex minnhom tirrikava l-fatti l-aktar determinanti u li possibilment iqarrbuha lejn il-verità - (**David Scerri vs Anthony Ciantar**, 3 ta' Ottubru 2003).

"L-attur kif ukoll ix-xhieda mressqa minnu jsostnu li l-attur Raymond Vella kien jaħdem l-għalqa in kwistjoni sad-data tal-inċident mertu tal-kawża. Ix-xhieda mressqa mill-konvenuti jsostnu li dan m'huwiex minnu. In sostenn ta' dan, huma jresqu xhieda li jgħidu li l-għalqa in kwistjoni kienet abbandunata u żdingata. Għandha ssir riferenza wkoll għall-iskrittura privata bejn l-attur u l-armla ta' ħuh Carmen Vella, li tinsab a fol. 12 tal-proċess li abbażi tagħha l-konvenuti l-eredi ta' Maria Pulis u John Mifsud isostnu li l-attur kien jokkupa l-għalqa in kwistjoni b'mera tolleranza.

"Dwar jekk l-attur kienx jokkupa l-art b'tolleranza jew le din il-Qorti digà tat id-deċiżjoni tagħha fis-sentenza preliminari suriferita. Jirriżulta li l-riċevuta tal-qbiela għal din l-għalqa kienet tinħareg f'isem Raymond Vella ukoll f'isem huh Joseph Vella li gie nieqes madwar sentejn qabel l-inċident mertu tal-kawża. B'żieda ma dan, il-konvenuti proprjetarji tal-art Maria Pulis u John Mifsud stess jikkonfermaw illi ma kinux gew infurmati li Joseph Vella u Raymond Vella kienu qasmu l-għalqa bejnithom u kienu jaċċettaw ħlas għal qbiela bħala indiviża. Saru jafu li l-art allegatament inqasmet mingħand Carmen Vella meta marret biex tirritorna l-għalqa lura lis-sidien. Iżda l-irċevuta kienet għadha tinħareg f'isem Raymond Vella kif ukoll f'isem ħuh sas-sena 2005. Dan il-fatt waħdu jikkonferma li l-attur ma kienx jokkupa din l-art sempliċiment b'mera tolleranza. Il-ftehim illi kellu kien ma' Carmen Vella u mhux ma sidien l-art. Fuq ammisjoni tas-sidien stess, lanqas biss kienu jafu bl-eżistenza ta' dan il-ftehim tant illi baqgħu joħorgu l-riċevuta tal-għalqa bħala indiviża f'isem iż-żewgt aħwa.

"Fir-rigward tal-istat tal-għalqa u l-allegat abbandun tagħha jirriżulta li l-provi huma ferm konfliggenti. Dwar dan però, il-Qorti tinnota illi

waħda mix-xhieda l-aktar kredibbli kienet ta' PC1428 Jesmond Delia li kien mar fl-għalqa in kwistjoni minħabba periklu li kien qiegħed jikkawża l-ħajt tas-sejjiegħ tal-istess għalqa. Huwa jikkonferma li dakinhar, jigifieri f'April tas-sena 2006, ftit tax-xhur qabel l-inċident mertu tal-kawża, huwa kien sab lill-attur fuq il-post u li kien l-istess attur li tah informazzjoni dwar minn huma sidien l-art.

"Fil-fehma tal-Qorti x-xhieda tal-konvenut Patrick Farrugia dwar l-istat li kienet tinsab fiha l-għalqa xejn ma hi affidabbli. Kif diga gie osservat però sa mill-inqas ftit xhur qabel l-inċident mertu tal-kawża l-attur instab fuq il-post mill-pulizija. Fil-kontro-eżami tiegħu a fol. 248 tal-proċess l-attur jikkonferma li l-art tinżera darba fis-sena bejn Novembru u April/Mejju tas-sena ta' wara iżda minn Mejju sa Settembru l-għalqa tkun vojta. Carmen Vella tterminat l-ftehim illi kellhom bejniethom permezz ta' ittra datata 17 ta' Lulju 2006 fejn interpellatu sabiex ma jdemmilx u jiżra ħxejjex fl-għalqa. Jigi rilevat ukoll illi l-Avukat Dottor Louise Anne Pulis li xehdet f'dawn il-proċeduri (fol. 95 tal-proċess) tikkonferma li l-ittra tas-17 ta' Lulju 2006 intbgħatet lill-attur dak iż-żmien:

> "*Peress illi fis-Sajf ma tkunx miżrugħa l-għalqa u mbagħad jaħsbu biex idemlu f'Awissu biex jiżirgħu f'Settembru.*"

"F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Amabile Xuereb et vs Alfred Scicluna** tal-1 ta' April 2008, deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fejn intqal illi:

> "*Il-Qorti hija tal-fehma li dawn huma kollha ċirkostanzi li jikkonfermaw li għallinqas hemm detenzjoni tal-għalqa min-naħa tal-attur. Għalkemm hu minnu li att ta' tolleranza m'huwiex biżżejjed biex iservi ta' fundament għall-akkwist tal-pussess meħtieg bħala bażi ta' din l-azzjoni, il-Qorti mhijiex sodisfatta li ngħatat xi prova li dan hu każ ta' mera tolleranza kif ipprova jagħti x'jifhem il-konvenut fl-affidavit li għamel (fol. 30-31). Il-ħlas li sar mill-attur hu fih innifsu konferma ta' dan. Il-fatt li l-art kienet mimlija ħaxix ħazin u ilha żmien ma tinħadem, ma tissarrafx ukoll l-abbandun tad-dritt li l-attur kellu fuq l-art.*"

"Il-Qorti kompliet ukoll illi:

> "*Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Bugeja v. Borg", deciza fit-28 ta' Marzu 2003, l-istat ta' abbandun tal-fond ma jfissirx u ma għandux jissarraf, unilateralment, fl-abbandun ukoll tad-dritt li l-attur kellu fuq il-fond. Inoltre, kif irrimarkat l-ewwel Qorti fuq l-iskorta tal-gurisprudenza lokali, l-abbandun irid jirriżulta manifest u univoku, u "che sia provata chiaramente l'esistenza e la validita` del consenso e che questa non sia contestata". Dan hu konformi mat-tagħlim li biex tigi deżunta r-rinunzja, il-fatt "jrid ikun wieħed li juri (a) il-volontà preċiża li d-dritt qed jigi abbandunat, u li (b) il-fatt huwa assolutament inkonċiljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt" (ara "Sammut v. Azzopardi", deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 1993. F'dan il-każ, ma giex muri li s-soċjetà attrici qatt kellha l-ħsieb li tabbanduna dik l-art u l-arja sovrastanti, u l-fatt li, tempestivament, ressqet din l-azzjoni juri li hi*

> *żammet ferm il-pussess ċivili li kellha ta' l-art u l-arja in kwistjoni" (Cassar & Cooper (Holdings) Limited vs Emanuel Cuschieri et deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' April 2007). Argumenti li l-Qorti ma ssib l-ebda raguni għalfejn m'għandhomx japplikaw ukoll fil-każ in kwistjoni*."

"Mix-xhieda tal-konvenuti Maria Pulis u John Pulis hu evidenti li huma kienu ben konsapevoli li l-art in kwistjoni kienet f'idejn l-attur, irrispettivament minn kemm kienet ilha ma tinħadem. Minkejja li din hija kawża possessorja u mhux petitorja din il-Qorti ma tistax ma tqisx illi l-irċevuta tal-qbiela kienet toħrog mingħand il-konvenuti proprjetarji f'isem l-attur, flimkien ma ħuh.

"Lanqas ma hija prova konkreta l-informazzjoni mressqa mir-rappreżentant tal-Għammieri in kwantu li ma ssir ebda verifika dwar jekk l-informazzjoni li tkun ingħatat lilhom minn min ikun allegatament qiegħed jaħdem l-għalqa hux veritiera u wisq inqas b'liema titolu jkun qiegħed jaħdimha.

"Il-Qorti għalhekk issib illi l-element ta' pussess li huwa rikjest għal fini ta' din l-azzjoni ma jistax jingħad li ma jeżistix f'dan il-każ.

"Dwar l-att spoljattiv ghandu jingħad illi dan fih innifsu huwa biżżejjed li jseħħ kontra l-volontà tal-attur fil-kawża. Jirriżulta li l-att spoljattiv illi minnu qiegħed jilmenta l-attur huwa l-inċident tas-26 ta' Awissu 2006 meta huwa mar l-għalqa in kwistjoni u sab lill-konvenut Patrick Farrugia jaħrat din l-għalqa. Patrick Farrugia jgħid illi huwa kien mqabbad minn Louis Pulis, it-tifel tal-konvenuta Maria Pulis. Il-konvenuti jsostnu li għaldaqstant ma kinux il-konvenuti Maria Pulis u John Mifsud li kkommettew l-ispoll u li Patrick Farrugia għandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li kien Louis Pulis li qallu biex imur jaħrat l-għalqa.

"Dwar dan, il-Qorti tqis illi huwa stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati tagħhna li l-actio spolii hi wkoll konsentita bejn ko-possessuri u addirittura kontra l-kompliċi tal-awtur tal-ispoll u l-mandanti li jkunu nkarigawh (Ara **G. Caruana vs A Caruana**, deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 1984 u **Vol XXVIII-I-88** u **Vol XXXII-451**).

"Fil-kawża **Vella vs Caruana**, deċiża minn din il-Qorti fit-8 ta' Ottubru 1982 intqal illi għall-allegat spoll jista' jkun responsabbli l-konvenut anke bħala mandanti, punt li gie kkonfermat riċentement minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **Nicholas Micallef vs Henry Pace** deċiża fil-31 ta' Jannar 2003 fejn intqal:

> "*Kif gjà rilevat il-konvenut jappilja mal-iskużanti illi dak li għamel kien biex jobdi l-ordni tal-Ispettur Sanitarju. Issa apparti li dan il-fatt jinsab żmentit, anke kieku però kien hekk il-każ, dan il-fatt ma kienx jeħilsu mir-responsabilità u dik l-ordni għall-attur kienet "res inter alios acta" li bl-ebda mod ma tippregudikalu l-azzjoni tiegħu. Ara għal dawk li huma*

> *inferenzi f'dan il-kuntest is-sentenza fl-ismijiet "Paul Demarco - vs - Francesco Fiteni", Prim'Awla, Qorti Civili, 6 ta' Gunju 1957.*"

"Għandu jingħad ukoll illi lanqas ma huwa meħtieg l-animo spoliandi:

> "*Kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, l-actio spolii torigina ex delicto fuq fatt illeċitu. Kull min jikkonkorri fil-kommissjoni ta' l-illeċitu kien azzjonabbli u dana personalment. Kien għalhekk illi s-soċjetà kienet azzjonabbli tramite d-diretturi tagħha jekk jigi ritenut illi hi kienet konsapevoli ta' dak li kellu jseħħ u li fil-fatt seħħ u allura kienet komparteċipi fl-att delittwuż. Kien ukoll azzjonabbli min effettivament iwettaq l-illeċitu li, fl-aħjar ipotesi għalih, seta' biss jigi konsidrat bħala l-mandatarju li agixxa fl-interess tal-mandant espress jew taċitu li użufruwixxa mill-att illeċitu li għalih l-istess mandatarju kellu jigi wkoll tenut personalment responsabbli. "L-azzjoni ta' spoll hija esperibbili kontra l-awtur tal-ispoll kif ukoll kontra l-kompliċi tiegħu fosthom il-mandanti li jkunu inkarigawh" (Volum XXXII.i.451; Volum XXVIII.i.188 ; Volum XLI.ii.849)'* (Qorti ta' l-Appell, **Dimitry Orlov et vs Edward Pavia proprio et nomine**, deċiża fl-14 ta' Jannar 2002).

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jsostnu li l-attur kellu jitlob li jigi kjamat fil-proċeduri odjerni Louis Pulis peress illi kien huwa li kien inkariga lill-konvenut Patrick Farrugia sabiex imur jaħrat l-għalqa. Din il-Qorti ma tqis li din hija konsiderazzjoni li kellha titella permezz ta' sottomissjoni finali, partikolarment meta l-Qorti ma kellha ebda obbligu tittutela lid-diversi kontendenti billi tordna s-sejha (ara f'dan is-sens Abela vs Valentino – Qorti tal-Appell – 4 ta' Dicembru 1998).

"Finalment issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat et vs Peter Muscat Scerri et**, deċiża fis-26 ta' Gunju 2009, imsemmija mill-konvenuti stess fejn inqal illi:

> "*Hu aċċettat li attur irid jagħmel l-indagini tiegħu qabel ma jipproċedi kontra terz f'kawża, biex jassigura li l-konvenut imħarrek huwa verament il-legittimu kontradittur tiegħu; però, meta t-terz interpellat ma jiċħadx l-involviment tiegħu, ma hux mistenni li l-attur ikompli jindaga dwar jekk dak it-terz huwiex jew le l-legittimu kontradittur*.'

"B'żieda ma dawn il-prinċipji enunċjati fis-sentenzi tal-Qrati tagħna, din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

"Ma gietx kontradetta x-xhieda tal-attur illi f'laqgħa li huwa kellu ma sidien l-art fil-preżenza tal-avukati rispettivi tagħhom qabel ma nbdew il-proċeduri odjerni, kienu s-sidien li insistew li riedu l-art lura. Lanqas ma gie allegat illi l-konvenuti sidien l-art ma kinux konsapevoli ta' x'kien qiegħed isir jew dwar l-istruzzjonijiet li ngħataw lill-Patrick Farrugia minn Louis Pulis. Dan tal-aħħar jispjega li l-familjari tiegħu '*tawh l-għalqa in kwistjoni*'[1] iżda ma jirriżultax mill-atti li l-art għaddiet għandu formalment. Kien sempliċiment huwa r-rappreżentant tal-

[1] Affidavit a fol. 74 tal-proċess

proprjetarji tal-art familjari tiegħu li qabbad lill-konvenut Patrick Farrugia jaħrat l-għalqa. B'żieda ma dan, issir riferenza għall-ittra mibgħuta lill-attur mill-avukat tal-konvenuti Maria Pulis u John Mifsud, ppreżentata mill-konvenuti stess fejn Raymond Vella gie avżat sabiex lil Maria Pulis u John Mifsud '*ma ddejjaqhomx u ma tivvessahomx ulterjorment stante li huma okkupaw l-għalqa wara li ngħataw l-għalqa lura mingħand Carmen Vella*'.[2]

"Għaldaqstant il-Qorti ssib illi kienu l-konvenuti li fil-fatt ikkommettew spoll fil-konfront tal-attur Raymond Vella in kwantu li huma azzjonabbli kemm il-proprjetarji konvenuti u l-konvenut Patrick Farrugia li kkometta l-ispoll fiżikament. Il-fatt illi f'dawn il-proċeduri ma giex imħarrek Louis Pulis ma jfissirx illi l-konvenuti l-oħra mhumiex azzjonabbli u dan fuq skorta ta' gurisprudenza suċitata.

"Finalment, dwar il-perjodu ta' xahrejn fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jqajmu l-punt għall-ewwel darba li d-data meta seħħ l-att spolljattiv ma tinsab imkien oggettivament korroborata fil-provi in atti. Fuq dan il-punt, l-attur kien konsistenti fix-xhieda tiegħu. Il-konvenuti ma gabu ebda prova li tittanta xxejjen ix-xhieda tal-attur dwar dan u lanqas ma giet attakkata x-xhieda tiegħu dwar dan. Jekk l-atturi kellhom xi dubbju dwar id-data in kwistjoni, huma setgħu dejjem, kieku riedu, gabu prova kuntrarja. Dan huma għażlu li ma jagħmluhx u allura l-Qorti m'hijiex ser tinjora l-istqarrija guramentata tal-attur (**Joseph Pace vs Salvatore Attard**, 28 ta' April 2004).

"Għalhekk il-Qorti hija sodisfatta li l-att spolljattiv seħħ fis-26 ta' Awissu 2006 u in kwantu li r-rikors guramentat gie ppreżentat fit-23 ta' Ottubru 2006, il-kawża saret entro x-xahrejn kif tipprovdi l-ligi.

"Għaldaqstant u applikati il-prinċipji generali suesposti għall-każ in eżami, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tal-attur hija gustifikata.

"Illi għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti:

1. "Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi l-konvenuti spussessaw u spoljaw lill-attur mill-pussess tal-għalqa magħrufa bħala "Ta Maggi", tal-kejl ta' ċirka tlett itmiem, sieħ u tlett kejliet (3T.1S.3K) fil-limiti tax-Xghajra, Ħaż-Żabbar;

2. "Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien perentorju ta' xahrejn mil-lum, jirrijintegraw lill-attur fil-pussess tal-għalqa msemmija;

[2] Ittra a fol. 19 tal-proċess

3. “Dwar it-tielet talba, din qed tigi milqugħa, iżda biss jekk il-konvenuti ma jagħmlux huma stess dak li ordnat il-Qorti fil-paragrafu preċedenti fit-terminu moghti lilhom.

“L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti”.

**Rikors tal-appell tal-konvenuti Pulis:**

Il-konvenuti hassuhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u ghalhekk interponew dan l-appell minnha. L-aggravji in succint kontra l-ewwel sentenza jikkonsistu filli jsostnu li l-attur appellant ma kellux il-pussess rikjest mill-ligi biex jistitwixxi din il-kawza izda biss gawda l-ghalqa in kwistjoni b’mera tolleranza u mbaghad fir-rigward tat-tieni sentenza jghidu li l-konvenuti Farrugia, Maria Pulis u John Mifsud kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u ma kellhomx jirrizultaw lanqas iz-zewg rekwiziti l-ohra ghal din l-azzjoni u cioe` l-ispoll u li skont l-appellant il-kawza giet intavolata aktar minn xahrejn wara li sehh l-allegat spoll.

**Risposta tal-appell tal-attur:**

L-attur wiegeb biex jghid li s-sentenzi ppronunzjati mill-ewwel Qorti huma gusti u jimmeritaw li jigu kkonfermati.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti:**

**Dwar l-ewwel aggravju:**

Kif gia ssemma l-appellanti qed jilmenta li l-attur kien jipposjedi l-ghalqa

b’mera tolleranza u allura ma setax jirnexxi f’din l-azzjoni.

Il-kwistjoni ta’ jekk min jipposjedi b’tolleranza jistax jipprocedi ai termini tal-Artikolu 535 jidher li ilha li giet deciza fin-negattiv. Originarjament il-kwistjoni nqalghet minhabba l-fatt li kif gia ssemma, l-artikolu msemmi meta jitkellem fuq pussess jghid li dan jista’ jkun “*ta’ liema xorta jkun*”*.* Madankollu numru ta’ sentenzi rritenew li “*atti ta’ mera tollerenza ma jistghux iservu ta’ fondament ghall akkwist tal-pussess.* (**Antonio Pace v. Antonio Cilia – Prim’Awla, 26 ta’ Gunju 1965**); din is-sentenza ticcita wkoll is-sentenzi riportati fil-volumi **XXIV-i-451, XXXIII-i-173 u XXXVII-ii-642** u wkoll ticcita l-Kassazzjoni ta’ Ruma u Turin f’zewg gudizzji separati u cioe` rispettivament wahda tat-**23 ta’ Gunju 1905** fejn intqal illi “*non e’ possesso giuiridicament reintegrabile quello che emana da una semplice concessione dell’ propietario*”; u ohra tas-**27 ta’ Dicembru 1907** fejn intqal illi “*Non ricorre quell possesso di fatto che da’ diritto alla prrotezione mediante l’ azione di reintegra ogni qual volta il preteso spogliato abba il godimento basato sulla semplice tollerenza del preteso spogliatore*”*.*

Din is-sentenza (**Pace v. Cilia**) tkompli tghid li:

> “*Dana l-principju jemana mid-disposizzjoni tal-artiklu 563* (illum 526) *tal-Kodici Civili li jghid li ‘l-atti li huma biss fakoltattivi jew li jithallew li jsiru biss bil-bona grazzja ma jistghux jiswew ta’ bazi ghall ksib tal-pussess. Il-legislatur kien qieghed deliberatament jirreferi ghal kwalunkwe pussess u mhux ghal pussess legittimu, meta qal li l-attijiet ta’ tolleranza ma joholqux il-pussess. Sir Adrian Dingli fin-notamenti*

*tieghu ghall artiklu in kwistjoni (allura numru 221 tal-Ordinanza VII tal-1868 kien osserva ' ho soppresso la parola 'legittimo' perche' secondo la mia definizione questi atti non danno luogo ad alcun possesso propriamente detto".*

L-appellanti jserrhu l-argument taghhom fuq il-fatt li l-attur kien ftiehem ma' Carmen Vella (li kienet il-kerrejja tal-ghalqa wara l-mewt ta' zewgha Joseph Vella) li kien se jibda jahdem l-ghalqa hu pero` gie dikjarat minnu li kien qed jahdimha b'mera tolleranza sakemm titlobhielu lura l-istess Carmen Vella.

L-ewwel Qorti kkonkludiet l-analizi taghha billi qalet li:

"*Il-Qorti tinnota li r-rikorrent Raymond Vella kien jahdem l-art li qabel kienet bi qbiela ghand missieru. Kien hu li jhallas il-qbiela fuq din l-art u fil-fatt ipproduca l-ahhar ricevuta tieghu, liema ricevuta (esebita a fol. 27 tal-process) hija ffirmata mill-intimata Mary Pulis. Kienu fil-fatt l-intimati stess li ddikjaraw fl-iskrittura li ghamlu ma` Carmen Vella f`Lulju, 2006, f`paragrafu 4, li l-qbiela ghal din l-ghalqa kienet dejjem tigi mhallsa minn Raymond Vella u r-ragel ta` Carmen Vella. Dan wassal il-Qorti ghall-konkluzzjoni li d-dritt li jahdem l-ghalqa fil-konfront tal-intimati ma kienx b`mera tolleranza. kif qed jghidu llum l-istess intimati".*

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti kkonkludiet li d-dikjarazzjoni li ghamel l-appellat li kien qed jiddetjeni l-ghalqa b'mera tolleranza fil-konfront ta' Carmen Vella ma tistax tintuza mill-appellanti ghaliex kienet in effetti "res inter alios acta":

"*Il-Qorti tinnota li f`din l-iskrittura ma kienu bl-ebda mod parti s-sidien tal-art in kwistjoni. Dik l-iskrittura, anki jekk legalment valida, pproduciet obbligi u drittijiet bejn il-partijiet li ffirmawha, cioe` r-rikorrenti odjern u l-armla ta` huh. L-istess jista` jinghad ghal ftehim milhuq bejn Carmen Vella, armla ta` hu r-rikorrent u s-sidien ta` l-art, l-intimati. Ir-rikorrenti odjern ma kienx parti f`dan il-ftehim u ghalhekk*

*ma jistax issa jigi konfrontat bih a skapitu ta` kull dritt li seta kellu fuq l-art in kwistjoni*".

Din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb. L-Artikolu 1001 tal-Kodici Civli jghid car u tond illi l-kuntratti ghandhom sahha biss bejn il-partijiet li jikkontrattaw u huwa biss f'kazijiet li tipprovdi l-ligi stess fejn hemm eccezzjoni ghal dan. Oltre dan, il-fatt li, kif issemma, l-appellanti kienu jaccettaw il-kera minghand l-appellat huwa aktar rilevanti ghal din il-kawza peress li tindika r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet b'mod dirett. Kwindi l-appellat ma kienx qed jiddetjeni l-ghalqa b'mera tolleranza izda kien il-kerrej taghha vis-a-vis l-appellanti.

Dan l-aggravju allura huwa respint.

L-appellanti Patrick Farrugia, Maria Pulis u John Mifsud fl-appell taghhom qed jitolbu li jkunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju; Farrugia ghaliex huwa kien inkarigat mill-appellanti l-ohra biex jahrat l-ghalqa in kwistjoni, filwaqt li Pulis u Mifsud qed jghidu li huma ma kellhom ebda sehem fl-allegat spoll.

Huwa minnu li Farrugia tqabbad mill-appellanti Louis Pulis biex jahrat l-ghalqa u dan skont l-istess deposizzjoni tieghu. Dan pero` ma jesonerahx mir-responsabbilita` legali f'din il-kawza ghaliex independentement mir-raguni li kellu biex dakinhar harat l-ghalqa, kien

huwa li materjalment ikkommetta l-att spoljattiv. Gie ribadit kemm il-darba li l-animus spoliandi mhuwiex rekwizit biex l-azzjoni ta' spoll tirnexxi – dan il-kuncett gie ormai skartat mill-Qrati taghna bhala difiza f'kawza ta' spoll. Ara per ezempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Dicembru 2012 fl-ismijiet **Trident Developments Limited v. Joseph Cordina** u fost ohrajn is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Anthony Buhagiar v. Mikiel Farrugia** (11 ta' Novmbru 1997) u **Perit Carmelo Bonanno v. John Bartolo** (5 ta' Ottubru 1998).

Kwantu ghall-appellanti l-ohra l-aggravju taghhom huwa fil-fatt mankanti mill-punto di vista legali ghaliex l-att spoljattiv sar meta kienet ghadha hajja Maria Pulis li kienet il-konvenuta originali fil-kawza. Louis Pulis indubbjament agixxa ghan-nom taghha u tal-istess John Mifsud meta inkariga lil Farrugia biex jahrat l-ghalqa ghaliex altrimenti ma kellu ebda sahha biex jaghmel dan. Allura anke dawn l-aggravji huma respinti.

L-aggravju l-iehor huwa dwar il-mertu principali ossija giex kommess l-ispoll u jekk l-azzjoni gietx intentata entro x-xahrejn rikjesti mill-ligi.

Kif hu maghruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma;

1. il-pussess – **possidesse**;

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta tal-attur – **spoliatum fuisse** u

3. li l-azzjoni issir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll – **infra bimestre deduxisse**.

Ma hemmx dubbju li l-azzjoni ta' spoll hija intiza bhala salvagwardja tal-ordni pubbliku biex hadd ma jiehu l-ligi b'idejh anke jekk ikollu d-dritt ta' proprjeta` tal-oggett in kwistjoni. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Delia v. Schembri** (Prim'Awla - 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

> "*L-azzjoni ta' spoll iservi biex tipprotegi il-pussess, ikun x' ikun .. li jigi vjolentement jew okkultament mehuda minn ghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm il-darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall fatt ta' min b'awtorita privata .. jaghmel ghad dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista jkollu dritt ghalih ma jistghax jesercitah minghajr intervent tal-Qorti*".

Fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa "*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato*". (**Vol. III Sez. 52**).

Wiehed ukoll isib fil-kawza **Margherita Jaccarini v. Pawla Zammit** deciza fit-12 ta' April 1958:

> "*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-*

> *protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat*".

Kif ukoll gie ritenut:

> "*Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x' jghidu u ma jghidux guristi u awturi francizi u taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" – Appell Civili – **Cardona vs Tabone** – deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Kwantu ghall-elementi kostituttivi ta' din il-kawza ma hemmx dubbju li l-ispoll gie kommess u dan anke skont id-deposizzjoni tal-appellant Farrugia li qal li gie inkarigat mill-appellant l-iehor Pulis biex jahrat l-ghalqa. Kwantu ghall-pussess gia` inghad li l-appellat kellu l-pussess tant li l-unika difiza tal-appellanti fir-rigward kienet li huwa kien jipposjedi l-ghalqa b'mera tolleranza. Dan gie gia` msemmi aktar qabel u l-konkluzjoni ta' din il-Qorti hija l-istess bhal dak tal-ewwel Qorti. Stabbilit dan allura l-unika alternattiva hija li l-appellat kellu l-pussess u dan il-pussess jintitolah jistitwixxi din il-kawza.

Tibqa' allura l-kwistjoni ta' jekk l-azzjoni gietx intavolata entro t-terminu ta' xahrejn impost mill-Artikolu 534 tal-Kodici Civili. Ma hemmx dubbju li tant dan huwa element essenzjali ghall-azzjoni illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Trevor Arendts v. Veronique Mizzi** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar 2013, trattandosi appuntu ta' element kostituttiv tal-

azzjoni ta' spoll, dan il-fatt u cioe` li l-azzjoni giet intavolata entro l-perijodu msemmi, ghandu jigi wkoll provat mill-attur. Forsi aktar specifikatament f'**Georgina Borg v. Errol Cassar et** (21.10.2002) – citata fis-sentenza msemmija - il-Prim'Awla tal-Qorti Civili dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

> "*it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull każ ta' din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid dekors ta'l-perjodu estintiv ta' xahrejn..*".

L-ewwel Qorti wara li ezaminat il-provi kienet konvinta li l-attur kien qed jghid il-verita` meta qal li x-xoghlijiet in kwistjoni saru fis-26 ta' Awwissu 2006 u peress li l-kawza saret fit-23 ta' Ottubru 2006 allura giet intavolata *entro termine*. Din il-Qorti l-ewwel nett li tirribadixxi li normalment ghal dak li huwa apprezzament tal-fatti, kif qalet fil kawza fl-ismijiet **Vella v. Tabone** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru 2002, il-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzamenti fattwali tal-ewwel Qorti biss "*ghal ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korrett ikun sejjer jikkawza ingustizzja cara*". Din l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Phyllis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li

"*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Madankollu "*Din il-Qorti pero' f'kull kaz tapprezza ukoll li id dover taghha xorta huwa li tesamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". (**Attard et v. Direttur tas-Sahha, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014**).

Wara d-dovut ezami tal-provi, din il-Qorti jidrilha li ghandha tasal ghall-istess konkluzjoni tal-ewwel Qorti u taqbel li l-att spoljattiv sar fid-data msemmija; ma taqbilx mal-aggravju tal-appellant li l-attur appellat ma pprovax dan. Il-verzjoni tieghu ma gietx kontrastata b'ebda mod u lanqas kontradetta. Rigward dan, il-Qorti taqbel allura l-kawza giet intavolata entro t-terminu ta' xahrejn u ghalhekk anke dawn l-aggravji huma respinti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-appell tal-

konvenuti u tikkonferma fl-intier taghhom is-sentenzi appellati b'dan illi t-terminu impost mill-ewwel Qorti biex isiru x-xoghlijiet jibda jghaddi mil-lum; l-ispejjez kollha anke ta' dan l-appell ikunu a kariku tal-konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb